**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 6 ta' Marzu 2024**

Rikors Numru: 5/24 AL

A B

u

C D

(M.R. Numru 1630/2017)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors tal-partijiet tal-partijiet li permezz tieghu esponew:

1. Illi il-partijiet izzewwgu fis-sittax (16) ta' Gunju tas-sena elfejn u sbatax (2017) gewwa Rabat, Malta u dan kif inhu evidenzjat mic-certifikat taz-zwieg taghhom bin-numru tar-registrazzjoni 1630/2017 hawn anness u mmarkat bhala Dok. JS1;
2. Illi il-partijiet xoljew u illikwidaw il-kommunjoni tal-akkwisti bejniethom u effetwaw is-separazzjoni personali permezz ta'

kuntratt ta' separazzjoni personali ippubblikat in atti tan-Nutar Dottor Fiona Zammit Armeni fl-ewwel (1) ta' Dicembru tas-sena elfejn, tlieta u ghoxrin(2023) hawn anness u mmarkat bhala Dok. JS2;

3. Illi minn dan iż-żwieg taghhom il-partijiet ma kellhomx ulied;

4. Illi l-partijiet ilhom separati de facto minn Gunju elfejn u tlieta u ghoxrin (2023), u dan anke kif iddikjarat fil-kuntratt ta' separazzjoni klawsola erbgha (4) tal-preliminari;

5. Illi r-rikorrenti jiddikjaraw li l-ebda manteniment m'hu dovut u allura ma hemmx l-ebda pretensjonijiet reciproci dwar manteniment;

6. Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi llum ghandhom hajja totalment separati minn xulxin;

7. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega għall-ksib ta' divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talbu lil din il-Qorti sabiex:

1. Tippronunzja d-divorzju, ossia l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tal-31 ta’ Jannar 2024;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvaw illi l-partijiet ilhom legalment separati minn ma xulxin  mill-1 ta' Dicembru 2023 u *de facto* separati minn Gunju 2023;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn meta din is-sentenza ssir *res* judicata javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.